**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., ( Can )**

**Appell Nru: 426 / 2022**

**Il-Pulizja**

**Spettur Malcolm Bondin**

**Vs**

**Sarah Zammit**

Illum 27 ta' Jannar 2023

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Sarah Zammit, ta' 23 sena, bint Anthony u Jacqueline nee' Grima, imwielda Pieta' nhar id-19 ta' Jannar, 1991, residenti fil-fond 19, Triq Sant' Antnin, Birkirkara, detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 63891 (M), akkuzata quddiem il-Qorti tal-Minorenni talli:

A. Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinietx bil licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li jkollha d-droga msemmija fil pussess taghha u naqset li

tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

B. Kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluži, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kinitx bil licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li jkollha d-droga msemmija fil pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

C. Ikkomettiet reat waqt li kienet taht Ordni ta' Probation moghtija mill-Qorti ta' Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. C. Scerri Herrera nhar is-27 ta' Gunju 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

D. Saret recidiva b' sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fejn il-Qorti, li rat it-Taqsimiet IV u VI u l-Artikoli 22 (1) (a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, sabet lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjoni (c) migjuba kontra taghha u lliberatha minnha, filwaqt illi sabitha hatja tal-imputazzjonijiet (a), (b) u (d) (b' dan illi fir-rigward tal-imputazzjoni (b) ma gietx

misjuba hatja b' referenza ghall-15 ta' Lulju 2014, izda ghall-gimghat ta' qabel), izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal Ligijiet ta' Malta, qieghditha taht Ordni ta' Probation ghal zmien tliet snin minn dakinhar tal-istess sentenza, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni, liema Ordni kellu jifforma parti integrali minn dik is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' Probation jew jekk tonqos milli ssegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet stipulati fl-Ordni ta' Probation.

Il-Qorti ordnat illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal Probation u Parole.

In oltre ordnat id-distruzzjoni tad-Dokument MB, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li kellu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument kellu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti ma kkundannatx lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez konnessi man-nomina tal espert ix-Xjenzat Godwin Sammut u dan stante illi ma nstabitx droga fid-dokument minnu analizzat.

Rat in-nota tad-denunzja tal-probation pprezentata fil-Qorti nhar is-27 t' Ottubru, 2017, fil-konfront ta' Sarah Zammit.

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-18 ta' Settembru, 2022, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li tqis li gie ppruvat ghas-sodisfazzjon taghha illi l-Probationer naqset milli ssegwi l-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-Probation moghtija lilha minn din il-Qorti permezz tas-sentenza taghha tat-13 ta' Jannar 2017 fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Sarah Zammit'** (Kawza Numru 30/2015),

qeghda titratta ma' Sarah Zammit dwar ir-reat ta' pussess tad-droga eroina (mertu tal imputazzjoni (a)), tar-reat ta' pussess tad-droga kokaina (mertu tal-imputazzjoni (b)) u tal-addebitu tar-recidiva (mertu tal-imputazzjoni (d)), li taghhom kienet instabet hatja permezz tal-istess sentenza u li dwarhom kienet tqieghdet taht l-Ordni ta' Probation imsemmija daqs li kieku ghadha kemm giet dikjarata hatja minn jew quddiem din il-Qorti ghall-istess u fil-waqt illi ghal kull buon fini ikkonfermat tali htija, wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22 (1) (a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, ikkundannat lill-hatja ghall-piena ta' hames (5) xhur prigunerija effettiva.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Sarah Zammit, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-10 t'Ottubru, 2022, fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha thassar, tikkancella u tirrevoka din is-sentenza fejn sabet htija u kkundannata piena karcerarja ta' hames (5) xhur u minflok ma ssibx lill imputat hati tal-akkuza migjuba kontra taghha u tilliberha minnha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellanti:

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

1. Illi fl-ewwel lok id-denunzja saret f' Dicembru 2017, li allura ghadda bizzejjed zmien minn mindu saret il-kundanna taghha. Huwa veru li kellha tlett snin ta' supervizjoni u naqset xi sessjonijiet ohra, wehlet il-habs u ilha gewwa u

ghalhekk irriformat ruhha u serja fi triq it-tajba u li ghalhekk zgur li ghadda z-zmien biex terga tehel il-habs.

2. Illi fit-tieni lok l-piena inflitta hija eccessiva. Ikun ahjar jekk tehel multa minflok prigunerija ghax l-habs effettiv hija serja u minflok li twahhal multa hija tajba.

3. Illi l-esponenti qieghda l-habs u ghalhekk hadet il-*punishment* taghha li zgur hija serja bizzejjed.

Semghet lill-partijiet jittrataw il-kawza u dan fis-seduta tal-5 ta Jannar 2023.

Ikkunsidrat,

Illi f'din il-kawza l-appellanti denunzjanta qeda tinterponi dan l-appell ghalix fil-fehma taghha il-piena inflitta ta' hames xhur prigunerija ghar-reati li taghha instbet hatja hija wahda eccessiva u dan ghaliex fil-fehma taghha d-denunzja saret f'Dicembru 2017 u ghalhekk ghadda bizzejjed zmien minn meta saret il-kundanna u nelfrattemp irriformat ruhha u ghalhemm m'ghandiex tigi kkundannata perijodu ta' prigunerija izda ghandha tinghata piena alternattiva.

Kif gie ritenuto fis-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija vs Jean Pierre Frendo[1]l-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li:-

> *meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif*

[1] Decoza fid 29 ta Settembru 2020 mill-Qorti tal-Appelli Kriminali

*imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi* cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti

F'kaz ta' appell minn denunzja il-piena għandu jkollha effetti riedukattivi u korrezzjonali fuq il-ħati. Iżda aktar minn hekk il-ħati għandu jkollu dawk l-istrutturi maħsuba mill-Istat biex ikun jista' jwettaq dan il-perkors rijabilittativ u jiġi mgħejjun itejjeb l-imġieba tiegħu b'mod li għalhekk ikun jista' jerġa jiġi reintegrat fis-soċjeta, billi jiġi riedukat, imħeġġeġ jiżviluppa t-talenti u l-abbiltajiet tiegħu, inkoraġġit jaħdem biex ikollu biex jerġa jibni ħajtu, jkollu biex jgħix diċenti, ma jkollux għalfejn jiddelinkwi u jkollu wkoll minn fejn għad-danni li jkun ikkawża b'egħmilu. F'dan is-sens allura l-Carnelutti jtenni li l-piena hija distinta mill-kastig, għalkemm għandha effikaċja repressiva.

Huwa għalhekk li f'dawn il-proċeduri t'appell mill-piena, dil-Qorti, in kwantu Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għal dik il-piena billi tistħarreġ jekk il-piena inflitta minnha kienetx taqa' fil-parametri imsemmija fil-Liġi, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju jew kienetx manifestament eċċessiva.

Il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tas-sentenza dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal fl-appell **Kandemir**[2] u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005**, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek nhar il-25 t'Awissu 2005

Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita' manifesta.

F'din il-kawza, l-appellanti denunzjata kienet instabet hatja ta' l-akkuzi kollha kif miguba kontra taghha salv ghall-akkuza intesta bl-ittra 'c' u cioe talli kkommettiet reat waqt li kienet taht Ordni ta' Probation moghtija mill-Qorti ta' Malta presjeduta mill-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera nhar is-17 ta Gunju 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula. Illi bis-sentenza ta' l-ewwel Qorti, l-appellanti inghatat piena ta' hames xhur prigunerija effettivi.

L-ewwel Qorti meta giet biex terroga l-piena rat li l-fedina penali tal-appellanti hija wahda reflettarja ( konsistenti f'librett ta tnax-il pagna b'diversi reati u pienai hemm deskritti) u ccirkostanzi tal-kaz partikolarment li l-ewwel Qorti kienet tat *chance* lill-appellant sabiex tirriforma ruhha tant li ghall-ewwel kienet imponiet ordni ta' probation ghall-perijodu ta' tlett snin pero' l-appellanti ma gharfitx l-opportunita' moghtija lilha u minflok kellu ikun hemm denunzja prezentata mill-ufficjal tal-probation. Jidher li l-appellant apparti f'din il-kawza giet ukoll denunzjata darbtejn ohra fi proceduri separati u li giet *in vigore* ukoll sentenza sospiza . Huwa fl-interess tal-akkuzata appellanti li tikkolobora mal-professjonisti jekk verament trid tehles mill-vizzju misthut taghha ta' tehid ta' droga.

Din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li l-appellanti ghandha tibqa mizmuma fil-konfini tal-habs sabiex tkompli tindirizza l-vizzju mishut ta' droga bit-tama li tohrog mill-habs bhala persuna li gharfet tisfrutta iz-zmien li qeda taghmel il-habs f'opportunita' li titfejjaq mill-vizzju tad-droga. L-appellanti hawnhekk fil-konfini tal-habs hija imdawra bi professjonista li jistghu jaghtuha l-ghajnuna kollha medika, psikologika u socjali li tant ghandha bzonn.

Ghalhekk din il-Qorti qeghda tikkonferma is-sentenza kemm fir-rigward tal-mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena inflitta u tikkonferma l-hames xhur prigunerija effettivi moghtija lill-appellanti.

**Consuelo Scerri Herrera LL.D.**

**Imhallef**

**Vera Kopja**

**Adrian Micallef**

**Deputat Registratur**